# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 4**

**Rikors Numru 369/22TA**

**Bartolomeo sive Albert Bezzina (K.I. 207661M)**
**Maria Gatt (K.I. 0589144M)**
**Suor Doris Bezzina (K.I. 1045447M)**
**Josephine armla minn Angelo Xuereb (K.I. 0651850M)**
**George Bezzina (K.I. 0695351M)**
**Carmel Bezzina (K.I. 0723952M)**
**Lucy mart Gigi Camilleri (K.I. 0180454M)**
**Salvina mart Carmel Cortis (K.I. 0224155M)**
**Suor Victoria maghrufa Raffaella Bezzina (K.I. 0267356M)**
**Emanuel sive Leli Bezzina (K.I. 0748858M)**
**Salvatore Bezzina (K.I. 0332365M)**
**Julian Bezzina (K.I. 0331867M)**
**Nathalina mart Robert Camilleri (K.I. 0144173M)**
**David Bezzina (K.I. 0260776M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Northern District Homing Union Malta Pigeon Club**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Bartholmeo sive Albert Bezzina u ħhrajn (ir-rikorrenti) tas-7 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:-

i. "Illi rikorrenti huma proprjetarji tal-fond **124, Triq Birkirkara, San Gwann**, li huma akkwistaw per via di successione mill-wirt tal-genituri taghhom Giuseppe Bezzina u Maria sive Carmela Bezzina nee Debattista, li mietu rispettivament fl-10 ta' Gunju 1998 u 25 ta' Marzu 2007, skond certifikati tal-mewt li kopji taghha qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala **"<u>Dokument A</u>"** u **"<u>Dokument B</u>"**, u l-wirt taghhom ddevolva skond testment unica charta fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon fuq l-erbatax-il uliedhom u ulied uliedhom mejta.

ii. Illi l-wirt ta' Giuseppe u Maria sive Carmela Bezzina gie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tat-2 ta' Settembru 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, hawn anness u mmarkat bhala **"<u>Dokument C</u>"** u b'kuntratt tal-24 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, hawn anness bhala **"<u>Dokument D</u>"** rispettivament.

iii. Illi r-rikorrenti salv Nathalina Camilleri u David Bezzina huma ulied il-mejta Giuseppe u Carmela konjugi Bezzina.

iv. Illi l-imsemmija Giuseppe u Carmela nee Bezzina kellhom zewg ulied ohra, Alfred Bezzina li miet fit-30 ta' Novembru 2003, skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala **"<u>Dokument E</u>"** u l-wirt tieghu ddevolva fuq l-unici zewg uliedu r-rikorrenti Nathalina mart Robert Camilleri u David Bezzina u liema wirt gie debitament dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tat-12 ta' Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala **"<u>Dokument F</u>".**

v. Illi l-konjugi Bezzina kellhom bint ohra xebba, Antonia Bezzina li mietet fil-21 ta' Frar 2017 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala **"<u>Dokument G</u>"** u l-wirt taghha gie denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'dikjazzjoni causa mortis tal-31 ta' Lulju 2017 fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **"<u>Dokument H</u>".**

vi. Illi l-fond imsemmi kien gie mikri lill-intimati Malta Pigeon Club li llum joperaw bl-isem Northern District Homing Union, u dan bil-kera ta' Lm100.00c fis-sena, u llum bil-kera ta' €763.33c fis-sena, stante zidiet li huma rcevew ai termini tal-Att X tal-2009.

vii. Illi r-rikorrenti b'hekk kienu u għadhom obbligati illi jgeddu l-kirja indefinittivament bl-istess kera u kundizzjonijiet minħabba d-disposizzjonijiet infami tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendati bl-Att X tal-2009.

**viii.** Illi l-Artikolu 3 tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi "sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri ... jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kundizzjonijiet ġodda tat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord" u l-Artikolu 4 tal-istess Kap. 69 jgħid li l-Bord li Jirregola l-Kera jista' jawmenta l-kera **biss** sa massimu li ma jeċċedix l-40% ta' kemm setgħet kienet il-kera ġusta tal-fond fl-4 ta' Awissu 1914. Skont l-Artikolu 2 ta' din l-istess Liġi, il-fond in kwistjoni jaqa' taht it-tifsira li l-liġi tagħti lill-kelma "ħanut" u għalhekk skont l-Artikolu 9 (b) tal-Kap. 69 lanqas ma setghet issir talba għar-ripreża tal-fond mir-rikorrenti, u dan sakemm dahlu l-emendi tal-Att X tal-2009 li xorta huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li huma tenwi.

**ix.** Illi r-rikorrenti kienu f'impossibilità li jiehdu lura hwejjiighom minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Att X tal-2009, li jilledu d-drittijiet kostituzzjonali taghhom stante li mhix qed tircievi kumpens gust u xieraq ghal hwejjigha u talli ma nzammx bilanc f'dawn il-ligijiet bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilin u sub-inkwilin.

**x.** Illi dawn iz-zidiet huma xorta mhux skond is-suq u r-rikorrenti kienet f'posizzjoni impossibbli, hlief li forzatament taccetta dawn iz-zidiet fil-kera, ghax inkella l-posizzjoni finanzjarja taghha kienet tibqa' ferm aghar minn dak li hija qed tircievi, u dan b'konsegwenza tal-ligijiet tal-kera, ossia l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009.

**xi.** Illi minkejja dan, a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimati jippretendu li jibqghu fil-lokazzjoni leziva d-drittijiet kostituzzjonali tas-sidt.

**xii.** Illi l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, u ta' kull skrittura li talvolta hija ffirmat ghal zieda ta' ftit kera awment mhux paragonabbli mas-suq, u dan minhabba r-restrizzjonijiet li hija kienet tinsab fihom minhabba d-disposizzjonijiet tal-Ligi.

**xiii.** Illi l-awmenti fil-kera li huma intitolati għalih ir-rikorrenti skond l-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 huma miżeri għall-aħħar meta paraġunati mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tiegħu u għalhekk tali disposizzjonijiet ma joħolqu l-ebda bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-interess tas-mittenti u anzi jkomplu jikkalpestaw id-drittijiet fundamentali tas-sidien.

**xiv.** Illi l-protezzjoni mogħtija lill-inkwilini bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalità bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm ogħla minn dak stabbilit fil-liġi u għalhekk jilledu l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni.

**xv.** Illi r-rikorrenti m'għandhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi huma ma setghux jżidu l-kera b'mod ekwu u ġust skond il-valur tas-suq ta' llum stante illi dak li effettivament huma jistgħu jirċievu huwa dak kif limitat bil-Kap. 69 u l-Att X tal-2009, meta l-valur lokatizju tal-fond huwa mijiet ta' eluf ta' ewro fis-sena.

**xvi.** Illi ghaldaqstant huma qed jipprocedu b'din il-kawza kostituzzjonali sabiex jiksbu r-rimedji kollha li huma intitolati ghalihom, inkluz l-izgumbrament tal-inkwilini mill-fond *de quo*.

**xvii.** Illi dan kollu diga' ġie determinat fil-kawżi ***'Amato Gauci Vs Malta'***, deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009; ***'Lindheim and others Vs Norway'*** deċiża fit-12 ta' Ġunju 2012; u ***'Zammit and Attard Cassar vs Malta'***, kawża nru. 1046/12 deciża fit-30 ta' Lulju 2015.

**xviii.** Illi ġialadarba l-mittenti qed isofru minn nuqqas ta' *"fair balance"* bejn l-interessi ġenerali tal-komunita' u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deċiż inter alia f' ***'Beyeler vs Italy'*** (Rikors nru. 33202/96), u għalhekk ma ġiex rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ġie deċiż inter alia f'***'Almeida Ferreira et vs Portugal'*** tal-21 ta' Diċembru 2010, għandu jiġi dikjarat illi d-drittijiet fundamentali tas-sidien qed jiġu leżi bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta .

**xix.** Illi r-reġolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza mad-dritt tas-sidien għall-uzu tal-proprjeta' tagħhom stante illi l-kirja sfurżata lill-intimati inkwilini u r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sidien li jitterminaw l-istess kirja jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjeta' fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (*vide* ***'Hutten-Czapska vs Poland'*** nru. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, ***'Bitto and Others vs Slovakia'***, nru. 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar 2014 u ***'R&L, s.r.o. and Others'*** §108) u dan ukoll jinċidi fuq id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

**xx.** Illi l-valur lokatizju tal-fond *de quo* in kwistjoni huwa ferm ogħla minn dak li l-liġi imponiet li r-rikorrenti għandhom jirċievu b'tali mod illi bid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXXI tal-1995 u l-emendi li saru bl-Att X tal-2009 jilledu d-drittijiet kostituzzjonali kif protetti taht l-Artikolu 1 u 14 tal-Protokol Nru. 1 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u għalhekk il-Liġi fuq imsemmija għandha tiġi ddikjarata anti-kostituzzjonali u għandha tiġi emendata, kif *del resto* digà ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawzi surreferiti.

**xxi.** Illi inoltre f'kaz simili ghal dak odjern deċiz mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Lulju 2018, Rikors numru 22/2013/1AE fl-ismijiet ***'Evelyn Montebello et vs L-Avukat Ġenerali u s-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiæ'*** il-Qorti ddeċidiet illi filwaqt li kumpens ta' €10,000 bħala danni morali kien wieħed xieraq u biżżejjed, ma' dan kellhom jiżdiedu €200,000 bħala kumpens għad-danni pekunjarji. F'sentenza ohra simili moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-8 ta' Frar 2019, rikors numru 15/2013 JA fl-ismijiet ***'Anna Galea et vs L-Avukat Ġenerali u St. Julians Band Club'***, il-Qorti ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas lill-atturi s-somma ta' €300,000, in kwantu għal €15,000 in linea ta' danni morali u in kwantu għal €285,000 in linea ta' danni pekunjari, bl-imgħax ta' 8% mid-data tas-sentenża u bl-ispejjeż kollha (inkluż tal-periti nominati mill-Qorti).

**xxii.** Illi ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, Appell Nru. 47/2017/1 fl-ismijiet ***'Louis Apap Bologna vs Avukat Generali et'*** fejn

l-imsemmija Qorti ddecidiet illi l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta huwa bla effett fir-relazzjoni bejn r-rikorrent Apap Bologna bhala sid il-kera u l-intimati Flores bhala inkwilini, u ghalhekk l-intimati Flores ma jistghux jibqghu jinqdew b'dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi bhala bazi legali ghal okkupazzjoni taghhom kontra r-rikorrent Apap Bologna.

**xxiii.** Illi finalment ssir referenza ghas-sentenza Rikors Kostituzzjonali nru. 107/2018 MCH fl-ismijiet ***"John Pace et vs Avukat tal-Istat et"*** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-17 ta' Gunju 2020 per S.T.O. Prim' Imhallef Mark Chetcuti, fejn il-Qorti llikwidat kumpens ta' €510,000 u ghas-sentenza ***"Lilian Martinelli et vs Avukat Generali et"*** , Rikors Nru. 75/2019, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-23 ta' Novembru 2020 fejn il-Qorti llikwidat kumpens ta' €256,000 u ddikjarat illi r-rikorrenti ma humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond bin-numru 10/11, Victory Square, Naxxar, lill-klabb intimat billi huma ntitolati jieħdu lura l-pussess sħih tal-istess fond u illi n-Naxxar Lions Football Club ma jistax jibqa' jistrieħ fuq id-disposizzjonijiet speċjali tal-liġijiet tal-kera biex jibqa' jokkupa l-fond bin-numru 10/11, Victory Square, Naxxar.

**xxiv.** Illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti għandhom jirċievu sia danni pekunjarji kif wkoll danni morali bl-interessi kontra l-intimati jew min minnhom u l-iżgumbrament mill-fond *de quo* kawza tal-leżjoni li qed jsofru u ilhom jsofru għal għexieren ta' snin minħabba legislazzjoni inġusta u mhux ekwa u li ma tikkreax bilanċ bejn id-drittijiet tal-inkwilini u dawk tas-sidien.

**GHALDAQSTANT ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex:**

**I. Tiddikjara u Tiddeciedi illi fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mill-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);**

**II. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni vigenti tal-fond Northern District Homing Union / Malta Pigeon Club, 124, Triq Birkirkara, San Gwann, a favur tal-intimati Northern District Homing Union / Malta Pigeon Club u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u ligijiet ohra vigenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk huma nulli u / jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti ghar-rigward tal-proprjeta' *de quo*.**

**III. Konsegwentement taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skond il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, *inter alia* billi tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ma humiex obbligati jgeddu l-kirja tal-fond Northern District Homing**

**Union / Malta Pigeon Club, 124, Triq Birkirkara, San Gwann, lill-intimati Northern District Homing Union / Malta Pigeon Club u tiddikjara ghalhekk illi r-rikorrenti huma intitolati jirriprendu l-pussess shih tal-istess fond.**

**IV. Konsegwentement tordna l-izgumbrament fi zmien qasir u perentorju tan-Northern District Homing Union / Malta Pigeon Club mill-fond Northern District Homing Union / Malta Pigeon Club, 24, Triq Birkirkara, San Gwann, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrulha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jigu rrintegrati fil-pussess shih u godiment reali ta' hwejjighom.**

**V. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawza tal-fatti fuq spjegati fejn *inter alia* ma giex kkreat bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet ohra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.**

**VI. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-ligi.**

**VII. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni."**

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-4 ta' Awwissu 2022

li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħdin jallegaw li bl-operazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bl-operazzjoni tal-Att X tal-2009 fir-rigward tal-fond bl-indirizz **124, Triq Birkirkara, San Ġwann**, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jġibu prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proċeduri hi verament imħarsa mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandu jagħti indikazzjoni ta' meta bdiet l-istess kirja;

3. Illi mingħajr preġudizju għas-suespost, ir-rikorrenti jridu jġibu prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proċeduri hi verament imħarsa mill-Kap.

69 tal-Liġijiet ta’ Malta ukoll għandu jagħti indikazzjoni ta’ meta bdiet l-istess kirja;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-Ewwel Protokoll stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjeta’ in kwistjoni fil-parametri ta’ dak permessibbli taħt id-dritt fundamentali;

5. Illi l-esponent jikkontendi illi r-rikorrent irid jipprova li l-fond qiegħed jintuża għal skop kummerċjali bħal kif qiegħed jallega fir-rikors tiegħu;

6. Illi jekk jirriżulta illi l-fond huwa tassew mikri għal skop kummerċjali jiżdied jingħad li bid-dħul fis-seħħ tal-artikolu 1531D tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta l-kera dovuta wara l-1 ta’ Jannar, 2014, qed tiżdied bil-ħamsa fil-mija (5%) kull sena, li ċertament mhijiex żieda negliġibbli. Magħdud ma dan wieħed irid iqis ukoll li l-protezzjoni tal-kera skont l-atikolu 1531I tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta m’hijiex għal dejjem, imma hija maħsuba li tintemm fl-2028, li mhuwiex daqstant ‘l bogħod;

7. Illi l-esponent jikkontendi illi huwa ċar mill-ġurisprudenza tagħna illi l-Qrati Kostituzzjonali m’humiex il-forum appożit sabiex tingħata deċiżjoni dwar żgumbrment;

8. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista’ jissustixxi biss mit-30 ta’ April, 1987 u dan skont l-artikolu7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż.”

Rat ir-risposta ta’ Northern District Homing Union Malta Pigeon Club (l-intimat Club) tat-12 ta’ Settembru 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

“Illi l-assocjazzjoni intimata ma qieghda tivvjola l-ebda dritt fondamentali tar-rikorrent u dan in kwantu hija qieghda unikament tavvalixxi ruhha mil-ligi vigenti ma tistax tidher li qieghdha b’xi mod tikkawza vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

Illi dwar il-passat u l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti fil-passat irid jirrispondi l-istat li ghamel il-ligi u mhux l-intimata, ghal dak li jirrigwarda l-futur fil-2018 l-legislatur dahhal fis-sehh ligi li intiz biex jgib il-

kera ghall-ammont xieraq u b'hekk tohloq il-bilanc rikjest fil-ligi bejn id-drittijiet tal-partijiet.

Illi in oltre jigi rilevat li **Northern District Homing Union Malta Pigeon Club** ma hijiex entita kummercjali izda hija club socjali li ma ghandhiex fini lukrativa u li hija regolata b'statut hawn anness bhala Dokument "A" u hija rikonoxxuta mill-gvern.

Illi l-Gvern kien, implimenta regolamenti li jirregolaw il-kera li tithallas minn entitajiet socjali bhall-esponenti permezz tar-**Regolamenti dwar il-Kundizzjonijiet tal-Kirjiet ta' Każinin (Avviz Legali 195/2014)** li saru skont l-Artiklu 1531J. Dawk ir-regolamenti huma intizi proprju sabiex jinzamm bilanc bejn l-interessi tas-sidien individwi u l-interess pubbliku.

Illi l-esponenti dejjem segwiet u zammet ma dawn ir-regolamenti bir-reqqa.

Certament m'hemmx lok ghall-ebda zgumbrament billi l-intimat huwa preparat jhallas kera adegwata skont il-mezzi tieghu, ghall-fond lilu mikri.

Illi inoltre hija taghmel riferenza ghar-risposta maghmula mill-avukat tal-istat ghar-rikors tar-rikorrent u taghmel dik ir-risposta u dawk l-eccezzjonijiet taghha."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Din il-kawża tirrigwarda l-fond numru 124 Triq Birkirkara San Ġwann, ġia 62 St. Paul's Street, San Pawl il-Baħar.

**2.** Dan il-fond ġie akkwistat mir-rikorrenti kollha, ħlief għal Nathalina Camilleri u David Bezzina, *per via di successione* mill-wirt tal-ġenituri

tagħhom Giuseppe Bezzina u Maria sive Carmela Bezzina neè Debattista li mietu fl-10 ta' Ġunju 1998 u 25 ta' Marzu 2007 rispettivament, u mingħand oħthom Antonia Bezzina li ġiet nieqsa fil-21 ta' Frar 2017 (ara ċertifikati tal-mewt rispettivi tal-ġenituri a' fol 7 u 9, dikjarazzjonijiet causa mortis datati 2 ta' Settembru 1998 a' fol 11, 23 ta' Ġunju 1976 a' fol 21 u 24 ta' Settembru 2007 a' fol 27 kif ukoll ċertifikat tal-mewt ta' Antonia Bezzina a' fol 39 u dikjarazzjoni causa mortis datata 31 ta' Lulju 2017 a' fol 40).

**3.** Ir-rikorrenti Nathalina Camilleri u David Bezzina akkwistaw sehem indiviż minn din il-proprjetá mingħand missierhom Alfred Bezzina, ħu l-bqija tar-rikorrenti, li miet fit-30 ta' Novembru 2003 (ara ċertifikat tal-mewt a' fol 34 u dikjarazzjoni cause mortis datata 12 ta' Mejju 2004 a' fol 35).

Il-fond de quo kien ġie mikri fis-sena 1978 lill-Klabb Intimat bil-kera ta' LM70 (€163.06). Dan l-ammont kien żdied għal LM100 (€232.94) wara li ssaqfet il-bitħa biex jikber il-fond (ara premessa numru vi. a' fol 2 u affidavit ta' Manuel Attard a' fol 68 para 2 u 7).

**4.** Il-kirja ta' dan il-fond baqgħet tiġi mġedda awtomatikament *ope legis* bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap. 69.

**5.** Dan il-fond qed jintuża mill-klabb Intimat bħala entitá soċjali għal min jipprattika d-delizzju tat-tiġrijiet tal-ħamiem u fih qed jiġi operat bar li jintuża mil-membri tal-Klabb stess (ara affidavit ta' Manwel Attard a' fol 68 para 3 sa 5 u para 8). Il-Klabb Intimat huwa fil-fatt membru tal-Federazzjoni tal-Klabbs tat-Tiġrijiet tal-Ħamiem (Federation of Racing

Pigeons Clubs) (ara eċċezzjoni numru 3 a' fol 58, xhieda tas-segretarju tal-Federazzjoni Johann Farrugia a' fol 100 u dokument preżentat minnu a' fol 102).

**6.** Il-fond in kwistjoni huwa għalhekk mikri minn tip ta' każin a tenur tal-artikolu 1531J tal-Kap. 16 li daħal fis-seħħ bl-Att X tal-2009. Skont dan l-artikolu il-liġi applikabli għal fond bħal dan li ġie mikri bħala każin qabel l-1 ta' Ġunju 1995 hija dik il-"*l-liġi u d-definizzjonijiet kollha kif kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995*".

**7.** Madanakollu, il-proviso tal-istess artikolu jkompli jiddetta li "*minkejja kull ħaġa li hemm fil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, il-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni jista' joħroġ regolamenti ... biex jirregola l-kondizzjonijiet tal-kirjiet ta' każini sabiex jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku.*"

**8.** Il-Ministru hekk responsabbli ħareġ Regolamenti bħal dawn fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 15.13 permezz tal-Avviż Legali 195/2014.

**9.** Ir-Regolament 2 ta' din il-Liġi Sussidjarja jistipula li, mid-data tal-ewwel pagament ta' kera dovuta wara l-1 ta' Jannar 2014, l-kera kellha tiġi miżjuda b'rata fissa ta' 10% kull sena fuq il-kera dovuta għas-sena preċedenti sas-sena 2016 inkluża. Mill-ewwel pagament ta' kera dovuta mill-1 ta' Jannar 2017, il-kera kellha tiġi miżjuda b'rata fissa ta' 5% fis-sena sal-31 ta' Diċembru 2023. Wara dan il-perjodu l-kera għandha tibqa' tiżdied skont l-Indiċi tal-Inflazzjoni. Jirriżulta li l-kera kif hekk awmentata illum tammonta għal €801.51 (ara riċevuta kera a' fol 90).

**10.** Peress li minn dan il-fond qed tiġi operata attivitá ekonomika, ossia bar, li minnha jiġi ġenerat dħul, japplika għal Klabb Intimat dak dispost fir-regolament 3 tal-istess Liġi Sussidjarja ossia li mill-1 ta' Jannar 2015 iħallas lis-Sidien Rikorrenti ammont ekwivalenti għal 5% kull sena fuq id-dħul annwali derivat min din l-attivitá ekonomika. Jirriżulta li din is-somma kif hekk kalkolata tammonta għal €50 fissi fis-sena (ara affidavit Manuel Attard a' fol 69 para 11).

**11.** L-ammont globali ta' kera preżentament perċepita mir-Rikorrenti hija għalhekk ta' €851.51 (ara riċevuta Kera a' fol 90).

**12.** Jirriżulta li l-kera dejjem ġiet imħallsa mil-klabb Intimat u aċċettata mir-rikorrenti (ara dikjarazzjoni fil-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Frar 2023 a' fol 66 kif ukoll l-irċevuti tal-kera a' fol 86 sa 97 u 107 sa 116).

**13.** Jirriżulta mill-atti allegati li, fid-19 ta' Lulju 1999, r-rikorrenti u l-awtriċi tagħhom Maria Bezzina kienu preżentaw rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera fejn talbuh jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni u jordna l-iżgumbrament ta' l-istess soċjetá ntimata. Din it-talba ġiet madanakollu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom permezz ta' sentenza datata 4 ta' Novembru 2002.

## <u>Punti ta' Liġi</u>

**14.** Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta *"u l-Att X tal-2009, u liġijiet oħra viġenti"* jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-fond

in kwistjoni sanċit fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan għar-raġunijiet indikati minnhom fil-premessi viii et seq tar-rikors promotur.

**15.** Dawn ir-raġunijiet huma l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 u l-emendi bl-Att X tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021.

**16.** Dan għaliex jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari. Tali nterferenza ikkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan minħabba raġunijiet indikati mir-rikorrenti fl-istess premessi. Il-Qrati tagħna baqgħu isegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fis**-sentenza Margaret Caruana et vs L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili ,Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Joseph Zammit McKeon], 18 ta' Marzu 2021; ara wkoll fost oħrajn Rita Falzon vs Dun Saverin sive Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Francesco Depasquale], 20 ta' Ottubru 2021**).

**17.** L-emendi kif introdotti bl-imsemmi Att XXIV tal-2021 ma bidlu xejn min-natura tal-kera in kwistjoni. Dan billi, kif ġia ingħad, l-artikolu 1531J jiddetta li fond mikri minn tip ta' każin qabel l-1 ta' Ġunju 1995 japplika għalih "*il-liġi u d-definizzjonijiet kollha kif kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995*". Dan flimkien mar-Regolamenti dwar il-Kundizzjonijiet tal-Kirjiet ta' Każini (L.S. 15.13) li ħarġu a tenur tal-proviso tal-imsemmi artikolu 1531J "*sabiex jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku*".

**18.** Madanakollu kemm il-Qrati tagħna kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem konstantament sabu li lanqas dawn ir-Regolamenti ma jilħqu bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku. Dan għaliex filwaqt li r-rikorrenti sidien ma għandhomx dritt assolut li jippretendu kera skont il-valur tas-suq, l-ammont ta' kera kif kontrollat b'dawn ir-Regolamenti baqa' ferm u ferm ibaxx minn dan l-istess valur. Dan, magħdud mal-fatt li din ir-restrizzjoni fuq id-drittijiet tas-sid ilha fis-seħħ għal iktar minn ħamsin sena minn meta l-Konvenzjoni kienet ratifikata mill-Parlament Malti fl-1967 u tibqa' hekk in perpetwu fin-nuqqas ta' kull azzjoni mill-leġiżlatur biex jiġi stabbilit il-bilanċ meħtieġ, għandu jimmilita kontra l-interessi marbuta ma kirja bħal din, speċjalment meta jitqies li dawn l-interessi m'humiex li jiġi evitat *homelessness* (akkomodazzjoni soċjali), iżda biex jiġu msaħħa attivitajiet soċjali u kulturali, inklużi dawk ta' natura kummerċjali li jiġġeneraw qliegħ.

**19.** L-applikazzjoni ta' liġi bħal din hija wkoll nieqsa minn salvagwardji proċedurali adegwati, mmirati li jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tal-inkwilini u dawk tas-sidien. Dan tant li, ħlief proċeduri għal rimedju kostituzzjonali, ma hemm ebda azzjoni oħra disponibbli għar-rikorrenti sabiex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom. Dawn l-elementi kollha joħolqu piż sproporzjonat u eċċessiv fuq ir-rikorrenti, li kellhom u għadhom iġorru parti sinjifikanti minn l-ispejjeż soċjali u finanzjarji sabiex isostnu delizzju bħal dan tal-Klabb Intimat. Dan billi jipprovdulu fond għall-attivitajiet tiegħu, inklużi attivitajiet kummerċjali (ara **Bradshaw and Others v. Malta mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2018, paragrafi 63 sa 66 u, fost oħrajn, Evelyn Montebello et vs L-Avukati Ġenerali et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, 7 ta' Ottubru, 2016; Maria Padovani et vs Avukat tal-Istat et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, 28 ta' Frar 2023; Catherine Curmi vs Avukat tal-Istat, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Ġunju, 2023**).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**20.** Permezz tat-tielet eċċezzjoni, l-intimat Avukat tal-Istat jissolleva l-ħtieġa tal-prova li l-kirja in kwistjoni hi verament imħarsa mill-Kap. 69, jiġifieri pre-eżistenti s-sena 1995. Dan jirriżulta ampju kemm mill-irċevuti tal-kera (a' fol 91 et seq) kif ukoll mill-proċeduri istitwiti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (ara atti allegati numru 91/99). Magħdud dan, li l-kera hija waħda pre-eżistenti s-sena 1995, preċiżament mis-sena 1978, ma hijiex kontestata anzi affermata mill-istess klabb inkwilin (ara affidavit ta'

Manuel Attard a' fol 68 para 2 u 7). Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad din l-eċċezzjoni sollevata mill-Intimat Avukat tal-Istat u tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu.

**21.** Safejn l-azzjoni tolqot l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 1531J introdott fil-Kap. 16 bl-Att X tal-2009, u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 15.13, il-fatti tal-każ in diżamina huma, in prinċipju, identiċi għal dawk ravviżati fid-diverżi sentenzi tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati tagħna ċitati fis-sentenzi su riferuti. Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti.

**22.** Isegwi li fil-każ tal-lum din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha Qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili kif ukoll identiċi, u ċioe li dawn huma leżivi tad-drittijiet fondamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**23.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra t-talbiet rimedjali.

**24.** Bħala rimedju r-Rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa inter alia billi tiddikjara u tiddeċiedi illi r-Rikorrenti ma humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond in kwistjoni u tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti huma intitolati jirriprendu l-pussess sħiħ tal-istess fond (ara t-tielet talba), tordna l-iżgumbrament (ara r-raba talba) u tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-kumpens u danni sofferti minnhom b'konsegwenza tal-

leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom (ara l-ħames, is-sitta u s-seba' talba).

**25.** Din il-Qorti tara li t-tielet u r-raba talba rimedjali huma bbażati fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem Qorti Nazzjonali.

**26.** Il-Qorti Ewropea fil-każ **Portanier v. Malta** (applikazzjoni numru 5747/16, 27 ta' Awwissu 2019, paragrafu 46) saħqet is-segwenti fuq l-artikolu 13:

"*The Court reiterates its general principles under Article 13 as set out in Apap Bologna (cited above, §§ 76-79). In particular it reiterates that, for the purposes of Article 13, it is for the Court to determine whether the means available to an applicant for raising a complaint are "effective" in the sense either of preventing the alleged violation or its continuation, or of providing adequate redress for any violation that had already occurred. In certain cases a violation cannot be made good through the mere payment of compensation and the inability to render a binding decision granting redress may also raise issues (ibid., § 77).*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**27.** In suċċint il-Qorti Ewropea f'dan il-każ sostniet mingħajr tlaqliq li ordni ta' żgumbrament tista tingħata minn Qorti Kostituzzjonali bħala rimedju effettiv ai termini tal-artikolu 13. Il-Qorti Ewropea innotatat li l-Qrati Kostituzzjonali tagħna ħadu azzjoni alternattiva f'li jiddikjaraw li l-

inkwilin ma jistax jistrieħ iżjed fuq id-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti sabiex iżomm titolu fuq il-proprjetá. F'dan ir-rigward il-Qorti Ewropea esprimiet kemm il-darba ir-riżervi tagħha fuq il-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali, li għandha l-irwol li ġġib fi tmiem il-vjolazzjoni u tirrimedja il-ksur konfermat minnha, tabdika ir-responsabbilitá fdata lilha mil-Kostituzzjoni ta' Malta u tirreferi lis-sidien għal rimedju ieħor minkejja li għandha l-poter u l-awtoritá tgħati dan ir-rimedju hi stess. Madanakollu l-Qorti tapprezza l-fatt li fl-aħħar il-Kostituzzjoni ħadet din il-via li tista potenzjalment toffri rimedju lis-sidien f'sitwazzjonijiet bħal każ li kellha quddiemha.

**28.** Il-Qorti Ewropea iżda għadha tesprimi d-dubji tagħha fuq din il-via adottata mill-Qrati Kostituzzjonali tagħna. Dan minħabba li proċeduri addizzjonali ta' żgumbrament jikkawżaw, inter alia, spejjeż legali ulterjuri li jkomplu jitfgħu aktar piż fuq is-sid u dewmien żejjed li fih is-sid qed ikompli jbati l-vjolazzjoni. Il-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li s-suċċess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri huwa evidenti fin-nuqqas ta' titlu leġittimu ieħor ta' proprjetá iżda ma tarax skop fihom ladarba dak l-eżitu huwa awtomatiku.

**29.** Il-Qorti Ewropea tinnota li l-iżgumbrament eventwali bla dubju jikkawża inkwiet fuq l-inkwilin li huwa wkoll detentur ta' ċerti drittijiet taħt il-Konvenzjoni, iżda jrid ikun il-Gvern li jipprovdi fejn meħtieġ rilokazzjoni għall-inkwilin. Huwa l-irwol tal-Qrati fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħhom sabiex, irrispettivament minn kwalunkwe skumditá li jista' jbati l-Gvern, jipprovdu r-rimedju disponibbli għal ksur tal-Konvenzjoni u b'hekk jipproteġu lis-sid min vjolazzjoni kontinwata. Dan partikolarment meta l-

Gvern jista' jevita kwalunkwe sitwazzjonijiet bħal dawn billi jemenda l-liġi b'mod li tipprovdi għal ammont ta' kirja raġjonevoli (ara paragrafi 47 sa 53, Portnier v. Malta ċitata supra).

**30.** Iżda din il-Qorti dejjem sostniet li talba għall-iżgumbrament f'dawn il-Kawżi ma hiex sostenibbli. Fl-ewwel lok minħabba li r-rimedju irid jingħata mill-Istat u mhux mill-inkwilin. Fit-tieni lok għaliex il-kwistjoni ta' titolu trid tkun meqjusa mill-Qorti Ċivili li għandha kompetenza li tiddeċiedi kwistjonijiet bħal dawn għaliex fil-kamp ċivilistiku hemm difiżi li jistgħu jingħataw fi kwistjonijiet ta' natura ċivili li ma jistgħux jingħataw quddiem din il-Qorti. Għalhekk it-talba għall-iżgumbrament ser tkun miċħuda.

**31.** Din il-Qorti issa se tgħaddi biex tqis it-talba tar-rikorrenti għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mar-rikorrenti li għandha tapplika l-istess konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) fil-paragrafi 101-109 tas-sentenza **Cauchi v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea deċiża fil-25 ta' Marzu 2021 (ara nota a' fol 123). L-atti hawn allegati juru li l-komportament tar-rikorrenti u l-awtriċi tagħhom kienet waħda attiva tant li istitwew proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jittentaw jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni. Din il-Qorti għaldaqstant tqis li r-rikorrenti għandhom raġun jinsistu fuq it-telf monitarju tal-awturi tagħhom. Hija sejra għalhekk tikkalkula l-kumpens mis-sena mitluba minnhom fil-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Settembru 2022 (fol 60), jiġifieri mis-sena 1987.

**32.** Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetá tiegħu, l-QEBD fil-kawża **Cauchi v. Malta** qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizzji fis-suq Malti tal-proprjetá matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles. F'dan ir-rigward il-QEBD nnotat li l-miżuri kontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja. Il-QEBD madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta fis-sena 1979 (meta l-liġi daħlet fis-seħħ bl-Att XXIII) battiet matul il-kors tat-tlett deċenji li segwew min dik is-sena. F'dan l-isfond il-QEBD qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizzi <u>jitnaqqsu b'madwar 30% abbazi ta' dak l-għan leġittimu.</u> Il-QEBD żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis.

**33.** Il-QEBD aċċettat ukoll li l-proprjetá, kieku ma kienetx hekk suġġetta għal din il-leġislazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-propjeta' riċentement. Il-QEBD għaldaqstant qieset bħala aċċettabli li <u>jitqies li t-telf attwali kien inqas min dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.</u>

**34.** Magħdud dan, il-QEBD qieset li <u>l-kera li l-applikant ikun diġa rċieva għall-perjodu rilevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu rilevanti</u>. F'dan ir-

rigward, il-QEBD rriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem.

**35.** Il-QEBD kkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-Qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk mħallas lilu.

**36.** Fl-aħħar nett, il-QEBD tenniet li, in virtù ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, ma dan l-ammont għandu jiżdied ħlas ta' 5% imgħax darba waħda biss. Dan sabiex jagħmel tajjeb għat-telf tal-valur tal-kumpens matul iż-żmien minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali bħal livelli ta' inflazzjoni u rati ta' interess.

**37.** Din il-Qorti għaldaqstant issib xieraq li jitħallas kumpens lir-Rikorrenti fis-somma ta'€45,000.

**38.** Dan l-ammont għandu sentendi jitħallas mill-Avukat tal-Istat li, kif jixhed ismu stess, qed jirrappreżenta l-Istat. L-inkwilin la jaħti għal-liġi u lanqas jista' joffri rimedju. Il-preżenza tiegħu f'dawn il-kawżi hija biss meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju (ara **Margaret Psaila et vs l-Avukat Ġenerali et**, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 27 ta' Ġunju 2019).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat;**

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-inkwilin Northern District Homing Union Malta Pigeon Club;**

**Tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-Rikorrenti** billi tiddikjara u tiddeċiedi li per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikolu 1531J tal-Kap. 16 introdott bl-Att X tal-2009, u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 645.22, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetá tagħhom ossia l-fond numru 124, Triq Birkirkara, San Ġwann, bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja;

**Tilqa' t-tielet talba tar-Rikorrenti**;

**Tilqa' l-ħames talba tar-Rikorrenti** u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat ta' l-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 1531 J tal-Kap. 16 introdott bl-Att X tal-2009 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 645.22;

**Tilqa' s-sitt talba tar-Rikorrenti** u tillikwida l-istess kumpens u danni sofferti mir-Rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000);

**Tilqa' s-seba' talba tar-Rikorrenti** u tikkundanna lill-intimat Avukat ta' l-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-Klabb inkwilin Intimat, jitħallsu mill-Intimat Avukat tal-Istat.

Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**